# IS-SARDINELLA

*Ta'* George Zammit

*Lil Dun Frans Camilleri.*

M'għandekx lewn il-ward ta' Mejju,
Jew riħet il-Lixandrina;
Hadd ma jżommok b'warda fina,
Twajba, fqajra Sardinella.
Ġewwa s-swali tas-sinjuri
Ma tistax rasek ittella'
F'dak is-seħer ta' kuluri:
— Ġiżi, Ġilji, Tulipani —
Fuq l-imwejjed fejn ibejjet
L-għasel morr ta' min hu għani
— Għani biss fid-deheb li jlellex
'L hawn mill-qabar u jħallih
Mgħarar f'dalma jibki fieragħ
Għat-tnewnima tal-musbieħ
Ta' min ġema'-ġid is-sema.

Inti fqajra, Sardinella:
Iżda ssaltan fuq is-setaħ
Ta' min, bħalek, qalbu fetaħ
Halli jidħol l-akbar għana:
— Dawl ix-xemx, saħħet is-safa;
Ta' min, bħalek, għajnu rafa'
Lejn is-sema, u għamlu tiegħu!
Inti ssaltan f'ċint it-taraġ
Li mill-bitħa jeħdok fl-għorfa:
— L-għorfa ħiemda, kollha riħa
Ta' purtieri merfugħin,
Hwejjeġ sbieħ u kurtinaġġi, —
Li tinfetaħ biss għall-festa,
Jew kull meta, f'magħmudija,
Sardinella ferreħija,
Fuq idejn il-mistednin,
Tara għaddejja l-kokotina
Jew xi tazza rożolin
B'ex isaqqi gallettina
Jew, aħjar, xi biskottin;



Fost il-ferħ ta' l-omm, li tħaddan
Ma' sidirha ħajja ġdida;
Fost il-ferħ tat-triq bi ħġarha,
Il-parrini u l-ħaddara,
Geġwiġija tfal iduru
Daħkanin dawra durella:
Hluq jitbissmu, qlub se jfuru
Bl-ogħla ferħ madwar il-qsari.
U int bil-kemm għajnejk ittella',
Twajba, fqajra Sardinella!

Huma dawn, is-swali tiegħek,
Dawn saltnatek, dawn rebħietek:
Xemx u beraħ ikħal nir,
Daħk il-hena tat-tfulija,
Ġieh is-setaħ f'dar raħlija,
Sardinella ferreħija,
Xhieda t'Alla f'dar il-fqir.

Iżda ssaltan waħdanija
Fuq il-kotra ta' kull ward,
Sardinella ferreħija,
Meta ġmielek jiksi l-art,
Ta' kull meta t-triqat tagħna
Jaraw tgħaddi l-Ostja Mbierka
Xbieħa tal-Feddej setgħana;
Waqt li 'l hawn u 'l hinn jinxteħtu
Għarkubbtejhom fl-art, sektin,
Il-fidili, minn fejn igħaddi
Fost l-inċens, il-Baldakkin,
It-triqat jinbidlu f'ġenna
Għax sbuħitek, imżebilħa
Mis-suppery, għamlet it-triq...
Bħal tapit li fuqu jixraq
Illi jirfes il-Ħallieq.

22. III. 54.